# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 397/00**

**Numru 30**

**Executive Services Limited**

**vs**

**Mark Mallia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm555.93) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar u servizzi ohra relatati u dan skond istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali datata Settembru 1998, bl-imghax sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-5 ta' Gunju 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-

Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm555.93,0 bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali presentata matul Settembru 1998 u msemmija fl-avviz sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll bl-ispejjes inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali.

J Borg
Dep.Reg